**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Illum: 15 ta' Novembru 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Louise Calleja)**

**vs**

**Giuseppe Gangi**
**ID Taljana: AU 2203419**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat Giuseppe Gangi, ta' 22 sena, iben Gaetano u Rita Salerno, imwieled Siracusa, Sqallija nhar is-6 ta' Frar 1995, residenti gewwa Appartament 4, Sweet Dreams, Triq Loretu Cutajar, Haz-Zebbug u detentur tad-dokument tal-identita` Taljana numru AU 2203419;

Akkuzat talli fl-14 ta' Novembru 2017 u fil-gimghat ta' qabel, b'diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda minn gewwa l-istabbilimnet Sky Gourmet Malta Ltd, Old Terminal Building, St Thomas Road, Luqa li jinsab gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, u/jew f'diversi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer:

1. Ikkommetta serq ta' diversi oggetti ghad-detriment ta' Sky Gourmet Malta Ltd u/jew kumpaniji jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u l-hin, peress li l-ammont jiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) u s-serq sar bil-lejl, jigifieri bejn inzul u t-tlugh ix-xemx.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Rat ukoll illi waqt l-ezami tieghu skont il-ligi, l-imputat wiegeb li huwa hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha.

Semghet trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta' din l-imputazzjoni kif migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali tieghu li hi wahda netta, li l-maggor parti tar-*res furtiva* giet ritornata u li kkopera mal-pulizija tul l-investigazzjoni taghha. Tqis ukoll mill-banda l-ohra in-natura serja tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18, 261(c) u (f), 267, 270, 279(a) u 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni kif migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghall-piena ta' sittax-il (16) xahar prigunerija li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tigi sospiza ghall-perjodu ta' tliet (3) snin mil-lum.

Il-Qorti wissiet lill-hati, fi kliem car u semplici, bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza.

Tordna li kopja tal-atti u tas-sentenza jintbghatu lill-Avukat Generali fit-terminu moghti mil-ligi.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat